**QORTI CIVILI PRIM'AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum it-Tlieta 29 ta` Novembru 2016**

**Kawza Nru. 11**
**Rik. Gur. Nru. 514/16 JZM**

**Denis Deguara (KI 79368M) ghan-nom u in rapprezentanza ta` Dentrade Company Limited (C-9139)**

***kontra***

**Alessandro Farrugia (KI 232775M) f`ismu proprju u ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` 2A Co. Ltd (C-44598)**

**Il-Qorti :**

**I. <u>Preliminari</u>**

Rat ir-rikors guramentat li kien ipprezentat **bil-procedura sommarja specjali** fit-28 ta` Gunju 2016 li jaqra hekk :–

*Illi fl-ewwel lok dan ir-rikors qieghed isir ai termini tal-Artikolu 167 u l-artikoli sussegwenti u relatati mal-istess artikolu tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta` Malta ;*

*Illi l-konvenuti huma debituri tas-socjeta` attrici fis-somma ta` sitta u tletin elf tlett mija u sitta u sebghin euro u hamsin centezmu (€36,376.50) u dan wara bejgh u konsenja ta` prodotti relatati ma` xorb alkoholiku, tabakk u sigaretti u dan kif jista` jigi muri mill-istatements u mill-invoices relatati mal-istess statements annessi u mmarkati bhala DOK 1 (Pagni 56), DOK 2 (Pagni 27), DOK 3 (Pagni 42) u DOK 4 (Pagni 29) ;*

*Illi s-socjeta` attrici tissupplixxi dawn il-prodotti fuq ordnijiet diversi tal-konvenuti sabiex dawn jinbighu mill-konvenuti fid-diversi hwienet li l-konvenuti jiggestixxu ;*

*Illi dan id-debitu hu cert, likwidu u dovut u sa fejn taf is-socjeta` attrici, l-konvenuti ma ghandhom ebda eccezzjoni jew difiza x`jaghtu kontra t-talba tal-istess socjeta` attrici ;*

*Illi l-konvenuti kienu jaghmlu pagamenti regolari u dana sa Mejju ta` din is-sena ;*

*Illi ghalkemm imsejjhin diversi drabi sabiex ihallsu l-bilanc kollu tas-somma dovuta, kemm verbalment kif ukoll bil-miktub, il-konvenuti baqghu inadempjenti ;*

*Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha, previa kull dikjarazzjoni li tkun necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi u kif dispensati s-smigh tal-kawza odjerna ai termini tal-Artikolu 167 u artikoli sussegwenti tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili :-*

*1) Tordna u tikkundanna lill-konvenuti, jew min minnhom, sabiex ihallsu lis-socjeta` attrici l-ammont ta` sitta u tletin elf tlett mija u sitta u sebghin euro u hamsin centezmu (€36,376.50) u dan fi zmien qasir u perentorju ffissat minn din l-Onorabbli Qorti.*

*Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta` sekwestru kawtelatorju bin-numru 871/16 u bl-imghax legali sad-data tal-hlas effettiv.*

*Il-konvenut ngunt biex jidher ghas-subizzjoni.*

Rat id-dikjarazzjoni guramentata attrici, il-lista tax-xhieda, u l-elenku ta` dokumenti.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-11 ta` Ottubru 2016 fejn il-konvenut Alessandro Farrugia ghas-socjeta` konvenuta ddikjara li ma kienx qieghed jikkontesta t-talba attrici. Fl-istess waqt iddikjara li safejn dik it-talba kienet dedotta kontra tieghu personalment kien qieghed jikkontestaha.

Rat id-digriet illi tat fl-istess udjenza fejn tat lill-konvenut Alessandro Farrugia de proprio gimgha zmien sabiex jipprezenta risposta guramentata, u dan wara li sabet li fil-kwalita` personali tieghu kellu *prima facie* eccezzjonijiet x`jaghti fil-fatt u fid-dritt ghat-talba attrici.

Rat ir-risposta guramentata li pprezenta l-konvenut de proprio fit-12 ta` Ottubru 2016 li taqra hekk :–

*1. Illi in linea preliminari, l-intimat Alessandro Farrugia mhuwiex legittimu kontradittur u ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra l-istess socjeta` attrici, u dana stante illi qatt ma kellu relazzjoni guridika mas-socjeta` rikorrenti, kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.*

*2. Illi inoltre, u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-istatements kif ukoll il-fatturi kollha huma ntestati f`isem is-socjeta` intimata, u ndirizzati fir-registered address tal-istess kumpannija u b`indikazzjoni cara*

*ghan-numru ta` registrazzjoni tal-Value Added Tax appartenenti lill-istess socjeta` intimata.*

*3. Illi fit-tielet lok, u in linea preliminari, l-esponent ma jistax jigi mharrek sabiex jirrispondi ghat-talbiet attrici wahdu stante illi huwa mizzewweg lil Anouschka Farrugia illi flimkien maghha, huma kompartecipi fil-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejniethom.*

*4. Illi fil-mertu u mingahjr pregudizzju ghas-suespost it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt kif ukoll fil-ligi u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess socjeta` attrici.*

*Salvi eccezzjonijiet ohra.*

Rat il-lista tax-xhieda.

Semghet ix-xhieda u rat il-provi l-ohra li tressqu fil-kors tal-kawza.

Rat id-digriet li tat fl-udjenza tat-3 ta` Novembru 2016 fejn halliet il-kawza ghas-sentenza ghal-lum.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

## II. Xiehda

**Denis Deguara** direttur tas-socjeta` attrici kkonferma l-fatturi esebiti minn fol 6 sa fol 160 tal-process. Il-fatturi nhargu lis-socjeta` konvenuta. Huma kienu jittrattaw mas-socjeta` konvenuta. Il-fatturi baqghu ma thallsux ; ghalhekk saret din il-kawza. Ir-raguni ghala kien imharrek Alessandro Farrugia wkoll kienet spjegata hekk :-

*Mela dan kien hemm zmien illi l-pagamenti kont qed inhosshom jaqghu ftit lura, imbaghad out of the blue wiehed mid-diretturi, jew manager ma nafx il-posizzjoni tieghu x' inhi, ta' 2A company ltd, sparixxa mix-xena. Ippruvajt naghmel appuntament mas-Sur Farrugia, tani appuntament*

*immedjatament, fejn qalli biex immur inkellmu l-ufficju tieghu, dahhalni go kamra li huwa l-ufficju, dahlet mieghu s-Sinjura tieghu u hemm spjegali qalli li s-Sur John Mercieca telaq mill-kumpanija mil-lum ghal ghada u halla toqba warajh. Qalli ahna ha naghmlu cash injection biex nippruvaw nibqghu ghaddejjin u naghmlu n-negozju.*

Xehed illi l-*cash injection* li kienu sejrin jaghmlu kienet fil-kumpannija konvenuta. Farrugia talbu sabiex jibqa` jaghtihom ix-xoghol biex ma jieqfux min-negozju ghal kollox. Weghdu pero` li kull xahar jaghmel pagament.

Kompla jixhed hekk :-

*… jien wara dak il-meeting li kelli mas-Sur Farrugia, li wrieni li hu ha jaghmel hiltu kollha to keep the business going, jien bqajt intih ix-xoghol normali. Pero sfortunatament forsi ghaddew a couple of weeks forsi erba' hames gimghat, fejn is-Sur Farrugia rega' baghat ghalija, mort inkellmu, laqaghni fl-istess ufficju mas- Sinjura tieghu, u fil-fatt qalli jien minghalija li kelli toqba mentri fil-fatt sibna hofra. Qalli ha jkollna nieqfu and that was the end, that was the shock.*

Stqarr illi huwa ghamel il-kawza kontra Alessandro Farrugia wkoll *ghax il-ftehim li kelli mas-Sur Farrugia huwa tani x' nifhem li bil-cash injection li kien ser jaghmel, il-problema kienet ha tissolva.*

**<u>Fil-kontroezami,</u>** ikkonferma li fejn fl-invoices jidher l-isem ta` Alessandro Farrugia dak sar ghan-nom tas-socjeta` konvenuta. Meta kien qed isir in-negozju kien jaf li Farrugia kien azzjonista tas-socjeta` konvenuta pero` ma jafx jekk kienx ukoll direttur taghha. Bhala fatt huwa dejjem ittratta ma` John Mercieca ; lil Farrugia kellmu bit-telefon minn darba sa darbtejn qabel id-darbtejn l-ohra li tkellmu wicc imb`wicc. Stqarr li fl-ahhar zminijiet Mercieca ma kienx qed jittratta tajjeb mieghu fis-sens illi kien iweghdu hlasijiet u dawn ma jaslux, u ha fastidju meta sar jaf li kien kellem lil Farrugia. Ikkonferma li kien Farrugia stess li kellmu meta sab li fil-kumpannija kien hemm inkwiet finanzjarju akbar milli kien mistenni. Farrugia qatt ma mexa b`ingann mieghu. Min-naha l-ohra Mercieca pprova jingannah, sahansitra rah dakinhar li xehed fil-kawza tal-lum u mqar Mercieca hares lejh.

**<u>Alessandro Farrugia</u>** xehed illi huwa direttur u azzjonista tas-socjeta` konvenuta. Kien mistoqsi min huwa John Mercieca u l-imgieba tieghu. Xehed hekk :-

*Mela l-kumpanija hija ffurmata minn tliet diretturi, jiena l-mara tieghi u John Mercieca, pero jien u l-mara tieghi konna nkarigajna minhabba li ghandna kumpanija ohra lil John Mercieca biex jiehu hsieb l-operat kollu mill-A saz-Z including il-finanzi, gara li fl-ahhar gimgha tal-kumpanija starting 19th of April, kelli telefonata minghand supplier li huwa Farsons u spjegali li l-kontijiet tieghu ilhom b' lura minn Novembru ta' qabel. Jien kont bghatt sms u cempilt lil John Mercieca ghax hu kien in kuntatt mal-kredituri mas-suppliers kollha taghna, u by sms ikkonfermali li mas-suppliers m' ghandna l-ebda problema anzi qatt ma konna daqshekk tajjeb daqs illum il-gurnata maghhom u qed ighidha b' responsabbilta' kbira. Il-gimgha ta' wara t-tlett ijiem ta' wara sar meeting fejn kont prezenti jiena, John Mercieca u Farsons, u spjegawli x' inhu jigri quddiem John Mercieca u kellu a very very aggressive behaviour fil-konfront taghhom. L-ghada filghodu 21st April jien mort ghand Dr. Bisazza ghidtlu fil-kumpanija hawn xi haga ghadni ma nafx x' inhi, gara li jien u hiereg mill-Belt wara l-meeting, bghatt sms lil John Mercieca u ghidtlu ibaghtli account update tal-kumpanija, il-finanzi x' kellna bilanci fil-kontijiet taghna. Irrispondieni li mhux problema, ha jibaghtuli iktar tard ghax il-mara tieghu jrid johodha ghand it-tabib, saghtejn wara cempilli Gejtu Vella li huwa l-konsulent ta' l-HR tal-kumpanija, u qalli John Mercieca mhux ser jibqa' jigi ghax-xoghol. L-ghada filghodu 22nd April skoprejna li l-kontijiet tal-kumpanija kienu qeghdin minus 17,000 bl-overdraft u s-saving accounts li kellna kienu kollha mbattla ghajr ghal bilanc ta' madwar 1,200 euros, u skoprejna wkoll ammont ta' cekkijiet ta' John Mercieca li kienu ffirmati u mhux iffirmati anke datati sa sena qabel, li ma ntbghatux lill-kredituri. Iltqajt ma' John Mercieca dakinhar il-Gimgha filghaxija, ghax ghamilt pressjoni fuq it-tifel tieghu biex niltaqa' mieghu, ovvjament he was totally evasive, filghodu u hekk qed jirreferi s-Sur Deguara, jien u l-mara ghamilna cash injection minn kumpanija ohra ghax konna nafu daqshekk is- sitwazzjoni x' inhija.*

Kompla jixhed illi l-*cash injection* saret minn kumpannija ohra taghhom jisimha 26th Frame Limited ghal gos-socjeta` konvenuta. Dik il-*cash injection* ma servietx ghaliex bdew dehlin il-mandati kontra l-kumpannija. Ghalhekk waqqfu l-operat. Apparti dejn mal-fornituri, sab li kien hemm pendenzi mal-awtoritajiet fiskali. Huwa qatt ma kkontratta personalment izda dejjem agixxa ghall-kumpannija nkluz mas-socjeta` attrici.

Dwar qattx ghamel xi weghda personalment lil Denis Deguara, il-konvenut wiegeb hekk :-

*Le jien lis-Sur Deguara fl-ewwel meeting li kelli fl-ufficju, ghax bhalu kont qed nibghat ghas-suppliers kollha u konna qed immorru ghandhom jien u l-mara tieghi, kienet illi llum hemm din is-sitwazzjoni qeghda li quddiemna, ha naghmlu cash injection ha nsalvaw il-kumpanija, u allura ha nibdew nippruvaw ndawru r-rota mill-gdid, in fatti jidhirli li jekk niftakar tajjeb is-Sur Deguara kont tajtu wkoll pagament, part payment minn dak li kien dovut ukoll. Pero kkollasja fi zmien tliet gimghat erbgha mhux iktar.*

Stqarr illi dakinhar il-pagament sar permezz ta` cheque tal-kumpannija.

## III. <u>Risultanzi</u>

**Mill-assjem tal-provi, jirrizulta ppruvat (a) illi l-kumpannija konvenuta 2A Co Ltd hija debitrici tal-kumpannija attrici fl-ammont ta` €36,376.50 ; u (b) illi l-konvenut Alessandro Farrugia de proprio mhuwiex debitur tas-socjeta` attrici. Il-Qorti waslet ghal din il-konkluzjoni abbazi ta` dawn il-provi :-**

**1)** Denis Deguara kkonferma bil-gurament il-fatturi esebiti minn fol 6 sa fol 160 tal-process. Dawn jikkostitwixxu prova tal-pendenza reklamata fil-kawza tal-lum fl-ammont ta` €36,376.50. Il-quantum mhux biss mhuwiex ikkontestat izda accettat bhala dovut mis-socjeta` konvenuta kif jirrizulta mill-verbal tal-udjenza tal-11 ta` Ottubru 2016 (fol 173).

**2)** Kemm mill-fatturi kif ukoll abbazi tax-xiehda jirrizulta ppruvat illi l-konvenut Alessandro Farrugia de proprio mhuwiex debitur tas-socjeta` attrici.

**3)** Infatti abbazi tax-xiehda ta` Denis Deguara jirrizulta ppruvat illi l-fatturi hargu fl-isem tas-socjeta` konvenuta u bil-VAT no tal-kumpannija konvenuta. Kull fejn hemm indikat l-isem ta` Alessandro Farrugia dak sar bhala rapprezentant tal-kumpannija konvenuta.

**4)** Ma jirrizultax ippruvat illi fiz-zewg inkontri li Alessandro Farrugia kellu ma` Denis Deguara, huwa accetta li personalment jaghmel tajjeb ghad-dejn li s-socjeta` konvenuta kellha mas-socjeta` attrici. Il-fatt li Farrugia semma li kienet se ssir *cash injection* fis-socjeta` konvenuta ma jfissirx b`daqshekk li Farrugia accetta personalment li jaghmel tajjeb ghad-dejn. Fil-fatt il-*cash injection* saret ghalkemm mhux minn Farrugia personalment izda minn kumpannija ohra tieghu. Fi kwalunkwe kaz *cash injection* hija procedura li ssir ta` spiss minn azzjonisti biex isostnu l-finanzi ta` socjeta` kummercjali l-aktar meta tkun ghaddejja minn problemi finanzjarji. B`daqshekk pero` ma jfissirx li l-azzjonisti jsiru d-debituri minflok is-socjeta`. Tibqa` hija d-debitur u r-relazzjoni guridiku tibqa` taghha biss mal-kreditur.

**5)** Fil-kors tal-gbir tal-provi, mkien ma kien ippruvat li Alessandro Farrugia accetta li jsir debitur solidali mal-kumpannija fil-konfront ta` s-socjeta` attrici.

**6)** Il-kondotta ta` Alessandro Farrugia fil-konfront ta` Denis Deguara kienet trasparenti fis-sens illi kien hu rega` kellem ghat-tieni darba lil Deguara meta sab li *cash injection* ma kenitx sejra tkun bizzejjed biex twarrab l-ghawg finanzjarju tal-kumpannija. L-istess Farrugia kien pront waqqaf l-operat tal-kumpannija - forsi anke sabiex ma jsibx ruhu rinfaccjat b`xi azzjoni skont l-Art 315 jew l-Art 316 tal-Kap 386 fil-kaz illi s-socjeta` konvenuta tkun soggetta ghal procedura ta` xoljiment u stralc mill-qorti.

**<u>Decide</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi –**

**Tilqa` l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut Alessandro Farrugia fil-kwalita` personali tieghu u ghalhekk tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju.**

**Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-eccezzjonijiet l-ohra tal-konvenut Alessandro Farrugia fil-kwalita` personali tieghu.**

**Tilqa` t-talba tal-kumpannija attrici kif dedotta kontra l-kumpannija konvenuta 2A Co. Ltd. (C44598) billi tikkundanna lill-istess kumpannija konvenuta sabiex thallas lill-kumpannija attrici s-somma ta` sitta u tletin elf tliet mija sitta u sebghin Ewro hamsin centezmu (€36,376.50) bl-imghax legali b`effett mit-28 ta` Gunju 2016 li hija d-data tal-presentata tar-rikors guramentat sad-data tal-effettiv pagament.**

**Tikkundanna lill-kumpannija konvenuta sabiex thallas l-ispejjez taghha, u sabiex thallas ukoll l-ispejjez tal-kumpannija attrici, inkluzi dawk tal-mandat ta` sekwestru kawtelatorju bin-numru 871/2016.**

**Tordna lill-kumpannija attrici sabiex thallas l-ispejjez tal-konvenut Alessandro Farrugia fil-kwalita` personali tieghu.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**